# IL-LIĠI TAL-INTERPRETI **TAL-LINGWA TAS-SINJALI**

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR INCLUSION
AND THE VOLUNTARY SECTOR

inklużjoni




Fl-2016, Malta għamlet il-Lingwa tas-Sinjali Maltija bħala waħda mil-lingwi uffiċjali tagħha, bħall-Malti u l-Ingliż.



Il-lingwa tas-sinjali hija lingwa kif il-persuni Deaf jikkomunikaw u jifhmu lil xulxin permezz ta' idejhom, wiċċhom u ġisimhom minflok jitkellmu bil-kliem.



Il-Kunsill tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija huwa grupp li jipproteġi l-Lingwa tas-Sinjali Maltija u jgħin lill-persuni Deaf f'Malta u Għawdex. Huwa għalhekk li l-Gvern talab lill-Kunsill sabiex jgħinuhom f'din il-liġi.



Din il-liġi l-ġdida dwar il-Lingwa tas-Sinjali tgħid li Il-Kunsill tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija jrid jagħmel regoli dwar xi trid tkun taf persuna biex taħdem bħala interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija, u kif ukoll iżommu lista tal-persuni kollha li għaddew biex ikunu interpreti.



Interpretu huwa persuna li tgħin lin-nies jifhmu lil xulxin meta jitkellmu lingwi differenti. Pereżempju, interpretu jgħin lil persuna Deaf tifhem x'qed jgħid xi ħadd meta jitkellem bil-Malti jew bl-Ingliż.



Pajjiżi oħra, bħall-Irlanda u s-Slovenja diġà għandhom liġi bħal din.



Biex persuni jkunu fil-lista, m'hemmx għalfejn ikunu jafu l-Lingwa tas-Sinjali Maltija. Biex ikunu fuq il-lista, persuni jistgħu jkunu jafu lingwa tas-sinjali oħra, għax kull pajjiż għandu l-Lingwa tas-Sinjali tiegħu.




Interpreti minn pajjiżi oħra fl-Ewropa jistgħu wkoll jiġu Malta u jaħdmu għal żmien qasir.



Interpreti li jiġu Malta u jafu lingwi tas-sinjali oħra se jkunu ta' għajnuna kbira għax in-nies jistgħu jieħdu għajnuna b'lingwa tas-sinjali li huma jifhmu. Pereżempju, persuna Deaf Taljana tista' tieħu għajnuna billi jkollha Interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali Taljana.



Barra minn hekk, l-Interpreti tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija jistgħu jitgħallmu ħafna minn għandhom.



Id-deċiżjonijiet dwar min jista' jkun fuq il-lista u min ikun jista jaħdem bħala interpretu se jieħduhom grupp ta' nies li se jintgħażlu mill-Ministeru u l-Kunsill tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija.




Il-liġi se tibda taħdem xahrejn wara li tiġi miktuba fil-gazzetta tal-Gvern.



Il-Gvern huwa kuntent li din il-liġi se tgħin fid-drittijiet tal-persuni Deaf f'Malta u Għawdex.

inklużjoni

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR INCLUSION
AND THE VOLUNTARY SECTOR